**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 2 – IT-TLIETA, 18 TA' AWWISSU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti numru 1**

1.1 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Iċ-Chairman informa lill-Kumitat li s-Sur Josie Brincat ma aċċettax li jservi fuq is-sotto-kumitat għat-traffiku fil-Kappara.

2.2 Kien hemm diskussjoni biex parti minn Triq Antonio Schembri kantuniera ma' Triq Birkirkara issir One Way. Dan ifisser li t-traffiku għal Triq Antonio Schembri jista' jidħol minn Triq Birkirkara u joħroġ minn Triq l-Isponsun. Kien hemm qbil li ssir it-talba lil Transport Malta.

2.3 Kien hemm qbil ukoll biex issir sejħa għal kwotazzjoni biex isiru tliet locality maps għal Kappara. Is-siti ssuġġeriti huma Triq tas-Sliema, Triq Birkirkara u Triq il-Ġnien. Dawn is-siti għandhom jiġu approvati aktar tard.

2.4 Ġie deċiż li jitwaħħlu 6 tabelli, "Clean up after your dog" madwar il-Kappara. Għandu jintalab lill-kuntrattur draft qabel ma jiġu mwaħħlin. Dawn it-tabelli għandom jindikaw "Kumitat Amministrativ Kappara"

Dr Frank Bartolo skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.05pm.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Is-Sur Alfred Mangion talab għal xi korrispondenza minn TM fejn ġie approvat xi triq biex issir One Way. Hu talab ukoll biex isiru 2 tabelli Keep Clean fi Triq Wied Għollieqa, isir transfer ta' doggie bin min Triq Wied Għollieqa kantuniera ma Triq Birkirkaraa għal Triq Antonio Schembri kantuniera ma’ Triq il-Gamiema, tabelli No left turn fi Triq Birkirkara, No Entry fi Triq il-Gallina u refreshing STOP fi Triq il-Gallina. Ġie deċiż li jekk is-Sundown Court jibqa’ jħalli l-boroż tal-iskart barra, isir rapport lill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

3.2 Is-Sur Simon Ellul Sullivan informa lill-Kumitat li hemm min qed iħalli ħafna ikel tal-qtates fuq iċ-ċint fil-Ġnien tal-Kappara. Hu talab ukoll biex tintbagħat ittra lill-Università ta' Malta biex nifirħulhom bil-proġett approvat għall-parkeġġ fl-art tagħhom u niforhulhom u nhegguhom f'isem ir residenti ilestu il parkegg mill aktar fis possibbli.

3.3 Saret Laqgha mal-Kappillan qabel ma bdiet il-Laqgha ufficjali tal-KAK.

3.4 Gie diskuss il-progress tat-talba lil TM biex issir resurfacing ta’ Triq B’kara

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta’ Settembru 2014 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**